**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Rikors Numru: 29/2020 RM**

**Joseph Galea u Rita Galea**

**-Vs-**

**Francis Galea u Oreste Mercieca**

**Illum, 12 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Giuseppe Galea K/A Joseph Galea detentur tal-karta ta' l-identita' numru : 0297755M u martu Rita Galea detentriċi tal-karta ta' l-identita' 210856M; bl-indirizz ZEPPI F/H, Has-Saptan, limiti Ħal-Għaxaq; fejn talbu li Oreste Mercieca, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 844057M, bl-indirizz 19, Triq il-Kamumilla, Zejtun u li Francis Galea, detentriċi tal-karta ta' l-identita 320863M, bl-indirizz Framador, Triq in-Nigem, Ħal-Għaxaq; jigu kkundannati li jħallsu l-ammont ta' €6,874.47,0 (sitt elef, tmien mija w erbgħa u sebgħin euro u sebgħa u erbgħin euro ċenteżmu) a bażi tad-Dokumenti JG 1 – JG2 hawn mehmuża, marbutin mal-proċeduri legali, ġudizjarji u extra ġudizjarji, fir-rikors Nru: 697/2001- MLF, deċiżi definitivament mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid- 12 ta' Lulju, 2019 (Onor Imħ. Anthony Ellul) ID: 0297755M ; 99422751.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti fejn ġie eċċepit:-

1. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija ntempestiva stante illi fil-verita mhux minnu li l-eċċipjenti għandhom jħallsu lir-rikorrenti l-ammont minnhom pretiż, imma huma r-rikorrent li għandhom jħallsu lill-eċċipjenti jew minn minnhom ammonti skond l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Lulju 2019, u dana skond l-annessa ratizzazzjoni li diġa ġiet mgħoddija lir-rikorrenti għall-ħlas.

2. Illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi hija waħda frivola u vessattorja u dana għaliex ir-rikorrenti baqgħu qatt ma aċċettaw il-versett mogħti mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet inversi bin-numru 697/2001, u għalhekk qiegħdin jittentaw javvanzaw pretenzjonijiet li diġa ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell fil-konfront tagħhom.

3. Illi fid-dawl tal-premess u fi kwalunkwe każ l-eċċipjenti ma għandhom jagħtu xejn lir-rikorrenti.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti ;

Rat l-atti kollha ;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2021;

Rat illi l-kawza ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tal-atturi hi għall-ħlas ta' somma li ġiet kwantifikata fil-valur komplessiv ta' €6,874.47 li huwa magħmul mill-ammonti indikati fl-elenku Dok. JG2 anness mar-Rikors promotur, liema ammonti l-atturi fissru li huma konnessi mal-proċeduri legali, ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fir-Rikors Numru 697/2001 fl-ismijiet **Francis Galea et v. Joseph Galea et** li ġew deċiżi definittivament mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 2019, f'liema proċeduri l-istess atturi kienu konvenuti imħarrkin mill-konvenuti odjerni Francis Galea u Oreste Mercieca.

Il-konvenuti jilqgħu għal din it-talba billi jikkontendu, fis-sostanza, illi huma l-atturi li għandhom jagħtu lilhom għaliex b'effett tar-ratizzazzjoni tal-ispejjeż tal-proċeduri tar-Rikors Numru 697/2001 skont id-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2019 tal-Qorti tal-Appell, huma l-atturi odjerni li għandhom jagħtu lilhom.

Il-Qorti wara li kellha tgħarbel fil-fond l-atti proċesswali sabiex tista' tidentifika l-konsistenza tal-ammont mitlub fir-Rikors promotur, fehmet illi s-somma reklamata mill-atturi hu magħmul, talanqas parzjalment (i) minn ammont pretiż bħala spejjeż ġudizzjarji marbutin mal-proċeduri fir-Rikors Numru 697/2001 liema spejjeż l-atturi jikkontendu li huma dovuti lilhom skont kif ġie deċiż il-kap tal-ispejjez fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, kif ukoll (ii) minn ammont ieħor pretiż bħala dovut in kwantu spejjeż u drittijiet extra-ġudizzjarji li wkoll huma marbutin mal-proċeduri fuq imsemmija.

Mill-atti jirriżulta li l-atturi, oriġinarjament, kienu kwantifikaw l-ispejjeż u drittijiet extra-ġudizzjarji dovuti lilhom fis-somma ta' €3,818.91 u dan skont kif imfisser f'nota li l-atturi kienu ppreżentaw fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-6

ta' Diċembru 2019[1]. Il-Qorti tosserva li din is-somma in segwitu żdiedet għal dik ta' €5,004.45 skont kif imfisser fil-ħames paragrafu tal-ittra interpellatorja datata 28 ta' Jannar 2020 (Dok. VB2)[2] biex imbagħad, biż-żieda wkoll ta' xi spejjeż ulterjuri[3], l-ammont komplessiv tela' għal €5,131,41.

Sussegwentement, skont kif jirriżulta mill-elenku Dok. JG2 anness mar-Rikors promotur, dan l-ammont żdied ulterjorment mingħajr ebda spjegazzjoni għas-somma ta' €5,936.41 u żdiedu wkoll miegħu spejjez ulterjuri fis-somma totali ta' €938.06[4].

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għall-ispejjeż imsemmijin l-aħħar, fis-somma ta' €938.06, il-Qorti wara li fliet l-atti, fehmet illi dawn jirrappreżentaw, talanqas in parti, l-ispejjeż li ħallsu l-istess atturi b'rabta ma' dawn l-istess proċeduri li għandha quddiemha llum u b'rabta mal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju[5] li jidher li ġie ppreżentat kontestwalment mar-Rikors promotur ta' din l-istess kawża. Naturalment, lanqas għandu għalfejn jingħad illi l-ħlas tal-ispejjez ġudizzjarji tal-proċeduri, jekk jintalab espressament, jintalab mhux bħala parti mill-obbligazzjoni prinċipali jew il-kapital, f'dan il-każ, għaliex id-deċiżjoni dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża tiddependi intrinskalment mid-deċiżjoni dwar l-obbligazzjoni prinċipali li tifforma l-meritu tal-kawża, bl-applikazzjoni tal-kriterji tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12.

Huwa minnu li l-liġi stess tipprovdi li kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż u illi skont l-Artikolu 177 il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż, iżda dan ma

[1] Dok. JG1 anness mar-Rikors promotur.
[2] Ara fol. 69: €885 spejjeż ġudizzjarji u estra-ġudizzjarji in konnessjoni ma' "*ittra ġudizzjarja*"; €885 għal "*proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja)*" u €85 spejjez konnessi ma' "*ittra interpellatorja bonarja*".
[3] Fis-somma ta' €126.96 konnessi mal-pustaġġ u kopji tal-ittra appena msemmija kif ukoll drittijiet b'rabta ma' nota ta' sottomissjonijiet (€46.96 + €80 rispettivament).
[4] €885 (Avviz), €50 (Sek.), €1.4 (Qorti fotokopji) u €1.66 (fotokopji) – ara fol. 16. Ma jirriżulta minn imkien x'jirrappreżenta d-differenza bejn is-somma ta' €5,131 u s-somma ta' €5,936.41
[5] Numru 295/2020, Dok. VB8, fol. 96 *et seq*.

jfissirx li l-ispejjeż tal-proċeduri jistgħu jingħaddu mas-sorte mitlub fl-istess proċeduri. Dan qed jingħad ukoll għaliex meta l-obbligazzjoni tikkonsisti fil-ħlas ta' somma flus u jigi deċiż li huwa dovut l-imgħax skont il-liġi, dan l-imgħax jiddekorri fuq il-kapital u mhux fuq l-ispejjeż tal-proċeduri nfushom. In-neċessita' li l-ispejjeż jinżammu distinti mill-obbligazzjoni prinċipali toħroġ ukoll mill-fatt li mhux bil-fors li l-akkoljiment tat-talbiet attriċi fil-mertu jsarrfu wkoll f'kundanna tat-tellief għall-ħlas tal-ispejjez tal-procedura: id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 233 tal-Kap. 12 li jipprospettaw il-possibbilita li l-qorti tordna fis-sentenza eventwali li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li dik il-parti mill-ammont pretiż mill-atturi li tirrappreżenta l-ispejjez tal-proċeduri odjerni, ma jistax jiġi aġġudikat bħala parti mill-kapital mitlub mill-atturi u minn dan il-lat, sejra tikkunsidra u tipprovdi dwar it-talba fir-Rikors promotur safejn din tikkonċerna s-somma ta' €938.01 rappreżentanti spejjeż ta' dawn il-proċeduri, biss fil-konsiderazzjonijiet dwar il-kap tal-ispejjeż.

Ikkunsidrat;

Kif rajna diġa', l-atturi jitolbu l-ħlas ta' somma rappreżentanti speċifikatament spejjeż u drittijiet ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji relatati mal-proċeduri bir-Rikors bin-Numru 697/2001 fl-ismijiet **Francis Galea et vs Joseph Galea et**. Fir-Rikors promotur, huma jiddikjaraw li s-somma mitluba tirrappreżenta ammont li huwa "*relatat mal-proċeduri legali, ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fir-Rikors Numru 697/2001*".

Fin-nota li l-atturi odjerni kienu ppreżentataw quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja)[6] u li fiha rendikont ta' wħud mill-ammonti reklamati fir-Rikors promotur, l-ammonti indikati huma deskritti b'mod ġenerali bħala "*spejjeż u*

[6] Anness mar-Rikors promotur Dok. JG1 li fih elenku ta' wħud mill-ispejjeż u drittijiet mitluba fir-Rikors promotur.

*drittijiet li jew ġew mitluba u mħallsa lill-Avukat Dr. Emmy D. Bezzina għal diversi ħidmiet professjonali li twettqu abbinati ma' din il-kawża extra ġudizzjarji jew ħlasijiet u riċevuti li saru mill-konjuġi Galea lill-konsulenti legali oħra li ħadmu relatati ma' din il-kawża*". Imbagħad, l-attur Joseph Galea fix-xhieda tiegħu fisser li l-ammont reklamat f'din il-kawża tirrappreżenta "*l-ispejjeż kollha globali ta' meta tlabna għall-ispejjez li daħluna fihom*" (fol. 105)

Safejn l-ammonti mitluba fir-Rikors promotur, huma dovuti in kwantu għal xi spejjeż u drittijiet ġudizzjarji tal-proċeduri tar-Rikors Numru 697/2001 li ġew deċiżi finalment bis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2019, il-Qorti qajla tista' tifhem il-fondament tad-dritt pretiż mill-atturi. Dan qed jingħad għaliex l-attur f'dawk il-proċeduri li ġie kanonizzat bħala kreditur tal-konvenuti, huwa Francis Galea filwaqt li l-konvenuti f'dawk il-proċeduri kienu l-atturi odjerni, ċioe' Joseph Galea u Rita Galea u konsegwentement, huwa bil-wisq ovvju li meta fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ingħad li s-somma ta' €1,800 hi dovuta lill-attur Joseph Galea, dan kien biss żball tal-pinna. Dan qed jingħad mhux biss għaliex Joseph Galea kien proprju il-konvenut f'dawk il-proċeduri, iżda wkoll għaliex mill-korp tas-sentenza jirriżulta illi effettivament, dan huwa "*l-ammont li għandu jitħallas mill-konvenuti lill-attur Galea bħala sehmu mill-valur tal-cold room.*" Kemm hu hekk, dan il-*lapsus* ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Appell innifisha fid-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru 2019.

Hawnhekk għandu jingħad illi l-imsemmija proċeduri ġew istitwiti mhux mill-atturi odjerni iżda mill-konvenuti odjerni b'talba biex l-istess Joseph Galea u Rita Galea iħallsu somma rappreżentanti valur ta' merkanzija u nofs indiviż ta' *coldroom* u b'talba għar-ritorn ta' numru ta' ċestuni. Din it-talba ġiet deċiża definittivament bis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2019 li aġġudikat favur l-attur Francis Galea, hawnhekk konvenut, is-somma ta' €1,800 filwaqt li ripartixxiet il-kap tal-ispejjez kwantu ghal 30% lill-konvenuti u kwantu għal 70% lill-atturi f'dik il-kawza. Dan ifisser li l-uniku dritt li mill-atti jirriżulta li l-atturi odjerni jista' jkollhom fil-konfront tal-konvenuti, huwa dritt għall-ħlas ta' dak l-ammont li jista' jirriżulta favur tagħhom wara eżerċizzju ta' ratizzazzjoni maħdum abbażi tat-taxxi uffiċjali maħruġin mir-

Reġistratur tal-Qorti, tal-ispejjez u drittijiet ġudizzjarji relatati maż-żewġ istanzi ta' dawk il-proċeduri f'dik il-kwota deċiża mill-Qorti tal-Appell[7]. **Jekk saru xi spejjeż jew kienu dovuti drittijiet oħrajn in konnessjoni ma' seduti, atti ġudizzjarji, kopji jew notifiki u li ma ġewx inklużi fit-taxxi ta' xi waħda miż-żewġ istanzi tal-proċeduri in kwistjoni jew ġew komputati ħażin a skapitu tal-atturi odjerni, huma kellhom jimxu mal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 64 tal-Kap. 12 u mhux imexxu b'azzjoni quddiem din il-Qorti għall-kundanna għall-ħlas ta' dawn l-ispejjez u drittijiet mhux intaxxati**.

Minn dan, il-Qorti - anke għaliex hija taqbel mal-kalkolu li sar - tqis illi l-eżerċizzju ta' ratizzazzjoni li saret mill-konvenuti odjerni (bħala l-atturi fil-proċeduri fir-Rikors Numru 674/2001) fl-ittra mibgħuta lill-atturi odjerni fil-21 ta' Ottubru 2019[8], fejn jirriżulta bilanċ favur il-konvenuti odjerni u mhux favur Joseph u Rita Galea, sar korrettement. Il-korollarju ta' dan hu illi fl-aħħar analiżi, l-atturi ma jistgħu jivvantaw l-ebda dritt għall-ħlas ta' spejjez u drittijiet ġudizzjarji relatati mal-proċeduri tar-Rikors Numru 674/2001 għaliex jirriżulta li l-bilanċ dovut wara r-ripartizzjoni tal-ispejjez fil-kwoti stabbilit fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2019, huwa bilanċ favur il-konvenuti odjerni fis-somma ta' €1,533.

Konsegwentement, huwa ftit spjegabbli mhux biss ir-rifjut tal-atturi li jħallsu l-ammont reklamat b'riżultat ta' din ir-ratizzazzjoni kif maħduma, iżda *multo magis* l-insistenza tagħhom li għandhom dritt għall-ħlas tal-ispejjez ta' dawk il-proċeduri. Dan qed jingħad għaliex mix-xhieda tal-attur Joseph Galea, il-Qorti fehmet li dan il-bilanċ kif mitlub fil-kont tal-21 ta' Ottubru 2019 ma ġiex imħallas proprju għaliex, kif ġie dikjarat riptetutament mill-istess attur fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti, li huwa ma jaqbilx ma' dan il-kont u ma għandu jagħti xejn lill-konvenuti. Għall-Qorti din il-pożizzjoni tal-atturi u l-insistenza tagħhom li huma dovuti xi spejjeż u drittijiet ġudizzjarji oħrajn relatati mal-proċeduri bir-Rikors bin-Numru 647/2001, deċizi

[7] Dawn l-ispejjez, kif jirriżulta mill-kont mibgħut mill-konvenuti odjerni fil-21 ta' Ottubru 2019 (fol. 93) wara li jitnaqqsu l-ispejjez dovuti mill-atturi odjerni fil-kwota ta' 30%, jammontaw għas-somma ta' €1,533.48.

[8] Dok. VB6, fol. 93.

finalment bis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2019, hija ftit spjegabbli u ma jidhrix li hija fondata fuq xi loġika legali. Għaldaqstant, it-talba tagħhom safejn hija bbażata fuq xi pretensjoni[9] għall-ħlas ta' spejjez u drittijiet ġudizzjarji konnessi mal-proċeduri tar-Rikors 697/2001, ma timmeritax li tiġi akkolta.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għall-ammont ta' €5,936.41, li sar referenza għalih f'Dok. JG2 u li parti minnu hija magħmula mis-somma ta' €3,818.91 indikata f'Dok. JG1, il-Qorti għalkemm fehmet li din tirrappreżenta ammont li jinkludi wkoll spejjez u drittijiet **professjonali extra-ġudizzjarji** konnessi mal-istess proċeduri tar-Rikors Numru 674/2001, ma fehmitx il-fondament ġuridiku tad-dritt għall-ħlas pretiż mill-atturi.

Abbażi tal-konsiderazzjonijiet li diġa' saru b'rabta mal-eżitu tal-proċeduri tar-Rikors Numru 697/2001, il-Qorti teskludi li l-eżitu ta' dik il-kawża jista' jservi b'xi mod bħala l-fondament tad-dritt pretiż mill-atturi f'din il-kawża għall-ħlas ta' spejjeż extra-ġudizzjarji: wara kollox, kienu l-konvenuti odjerni u mhux l-atturi li vvantaw pretensjoni ta' dritt fil-kawza bir-Rikors Numru 674/2001 u ma jirriżultax mill-provi li l-atturi odjerni qatt ressqu ġudizzjarjament xi pretensjoni li seta' kellhom fil-konfront ta' Oreste Mercieca u Francis Galea.

Għandu jingħad ukoll illi safejn il-pretensjoni għall-ħlas tikkonċerna spejjeż u drittijiet extra-ġudizzjarji marbutin mal-istess proċeduri Rikors Numru 697/2001, fosthom għal kopji, traskrizzjonijiet, konsultazzjonijiet, "*ħidma*" u servizzi oħrajn mhux speċifikati li seta' ġew reżi mill-avukati tal-atturi odjerni matul dawk il-proċeduri[10], dawn jistgħu jkunu dovuti u eżegwibbli biss kemm il-darba jkunu intaxxati skont it-tariffi stabbiliti fit-Tariffa B u Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, apparti l-fatt li ma ntweriex li d-drittijiet u spejjeż mitluba huma effettivament konformi ma' dawn it-tariffi, ma jirriżultax illi l-avukati tal-atturi mxew

[9] Liema pretensjoni baqgħet qatt ma ġiet kwantifikata mill-atturi.
[10] Ara nota Dok. JG1.

mal-procedura maħsuba mill-Artikolu 556(1) tal-Kap. 12 u talbu lir-Reġistratur jintaxxa d-drittijiet u spejjeż professjonali għas-servizzi li ġew reżi minnhom lill-atturi. Din id-dispożizzjoni legali tipprovdi hekk:-

*(1) Fuq talba ta' kull min ikollu interess, ir-reġistratur jintaxxa d-drittijiet li jmissu lil avukati, nutara pubbliċi jewprokuraturi legali, għal xogħlijiet extra-ġudizzjarji, bla ħsara tal-jedd għall-appell, lill-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża, fi żmienxahar, b'rikors, b'talba sabiex it-taxxa tiġi emendata.*
*(2) It-talba sabiex jiġu ntaxxati d-drittijiet issr b'nota li turi x-xogħlijiet li għalihom tintalab it-taxxa.*

Stabbilit dan, u lil hinn mill-fatt illi kif appena ġie stabbilit, dawn l-ispejjeż u drittijiet extra-ġudizzjarji m'humiex dovuti mill-konvenuti, il-Qorti hi tal-fehma li m'huwiex apert lill-atturi jitolbu l-intaxxar ta' dawn l-ispejjeż permezz ta' proċeduri kontenzjużi *ad hoc* istitwiti kontra l-konvenuti odjerni, u tqis ukoll li l-mod kif imxew l-atturi meta fir-Rikors promotur ta' din il-kawża, talbu r-rimbors ta' drittijiet u spejjeż extra-ġudizzjarji li huma nefqu meta dawk id-drittijiet ma ġewx intaxxati kif imiss, m'huwiex tajjeb u skont il-liġi. Lanqas it-talba li għamlu l-atturi għall-intaxxar ta' dawn l-ispejjeż u drittijiet permezz tan-nota ppreżentata quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-6 ta' Diċembru 2019, ma kienet f'lokha. Kemm hu hekk, din it-talba ma ġietx milqugħa minn dik il-Qorti[11].

Fuq kollox, il-Qorti tistenna li dawn l-ispejjeż u drittijiet, kemm il-darba jkunu ġew intaxxati kif imiss, kellhom semmai jinġiebu a konjizzjoni tal-Qorti li semgħet il-kawża li b'rabta magħha effettivament saru u l-ħlas tagħhom kellu jiġi mitlub espressament biex dik il-Qorti setgħet tiġġudika dwarhom meta ġiet biex tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż. Jekk dan ma sarx, il-Qorti qajla tifhem kif hija tista' tiġi adita biex tiġġudika separatament dwar il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż u drittijiet meta l-proċeduri li b'rabta magħhom saru, huma deċiżi finalment b'sentenza li hi *res*

[11] Ara digret tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) tal-20 ta' Jannar 2020 li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba.

*judicata*. Kif diġa' ingħad, ma jirriżultax li l-atturi odjerni, gja' konvenuti, talbu b'mod tempestiv lill-Qorti li kienet qed tisma' dawk il-proċeduri, li dawn l-ispejjeż u drittijiet extra-ġudizzjarji jingħaddu mal-ispejjeż ta' dik il-kawża.

Imbagħad, in kwantu għal xi spejjeż u drittijiet li qed jiġu pretiżi mill-atturi b'rabta mal-proċeduri bir-Rikors Numru 697/2001 iżda għal żmien li jiġi **wara** d-deċiżjoni finali fil-kawża permezz tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2019[12] - fosthom is-somma ta' €885 għal "*ħidma, nkluż seduti u konsultazzjonijiet"* relatati mal-preżentata tan-nota ġuramentata quddiem il-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-6 ta' Diċembru 2019 - hu żgur ukoll li dawn ma jistgħux jingħaddu fost l-ispejjeż u drittijiet li l-Qorti tal-Appell aġġudikat dwarhom fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2019. Għall-Qorti dawn l-ispejjeż u drittijiet ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dik il-kawża u tosserva wkoll illi l-atturi naqsu b'mod assolut milli jfissru f'hiex tikkonsisti l-bażi tat-talba tagħhom f'din il-kawża li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu l-ammont reklamat fir-rigward[13].

Ikkunsidrat finalment;

Illi tassew u f'kull każ, il-Qorti ma rnexxilha tidentifika l-ebda bażi fid-dritt sostantiv jew xi bażi legali oħra kwalsiasi ("*fumus boni juris*") li tista' ssostni t-talba għall-ħlas tal-ammonti reklamati f'din il-kawża. Speċifikatament, il-Qorti hija perplessa kif l-atturi odjerni, meta effettivament kienu l-parti telliefa fil-proċeduri bir-Rikors Numru 697/2001, jippretendu li jistgħu qatt jikkonvinċu li l-konvenuti għandhom xi obbligu jagħmlu tajjeb għal xi spejjeż u drittijiet li huma nefqu oltre dawk li huma dovuti skont it-taxxi uffiċjali tal-kawża meta dawn l-ispejjez u drittijiet evidentement intefqu għaliex riedu l-atturi u dan ukoll mingħajr ma l-konvenuti kellhom xi mezz li jikkontrollaw u jivverifikaw l-infiq tagħhom. Wisq inqas xi obbligu li jagħmlu tajjeb għall-ammont **sħiħ** tal-ispejjez u drittijiet pretiżi fir-Rikors promotur, meta s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2019 ordnat espressament li l-ispejjeż u drittijiet ta' dawk il-proċeduri

[12] Ara Dok. JG1, fol. 5 (para. b u c).

[13] Jiġi ribadit li l-atturi baqgħu qatt ma fissru jew ressqu xi prova dwar x'tirrappreżenta d-differenza bejn is-somma mitluba fir-Rikors promotur (€6,874.47) u s-somma ta' €5,131.41.

jiġu ripartiti fil-kwota ta' 70% għall-konvenuti odjerni u 30% għall-atturi odjerni. Huwa wkoll evidenti li l-atturi qegħdin jipprovaw japprofittaw ruħhom mill-iżball evidenti tal-pinna fid-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li bi żvista indikat l-isem tal-attur li lilu bħala "*Joseph*" Galea minflok "*Francis*" Galea, bħallikieku huma l-konvenuti odjerni l-parti telliefa f'dawk il-proċeduri: aġir li fil-fehma tal-Qorti jirrażenta l-estremi tal-fieragħ u l-vessatorju.

**Għal dawn il-motivi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, qiegħda tiċħad *in toto* it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-istess atturi.**

**B'applikazzjoni tar-regolament 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qiegħda tordna li l-atturi jħallsu spejjeż addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati fl-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) stante li jidhrilha li t-talba fir-Rikors promotur li bih inbdiet il-kawża hi fiergħa u vessatorja.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**